FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

16 ta Jannar 2016

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tal-ħdax (11) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejħet l-ħdax (11) Laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016 fil-5.00pm,** b'din l-aġenda:

1. Ġurament tal-Ħatra ta Viċi Sindku – Sur Vincent Borg
2. Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti imqajjma mill-minuti
4. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
5. Mistoqsijiet lis-Sindku
6. Delegi u Responsabiltajiet.
7. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sotto-kumitati
8. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
9. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
10. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
11. Aġġudikazzjoni t' Offerti
12. Estimi Annwali
13. Skema ta' Ġbir ta Skart Riċiklabbli
14. Jum il-Floriana
15. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
16. St Patrick's Day
17. Skema ta Parkeġġ residenzjali
18. Traffiku u parkeġġ
19. Ġonna u Soft areas
20. Aġġornament tal-Laqgħa

Għal-ħdax (11)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill kien hemm preżenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, Il-Viċi Sindku Vincent Borg, Il-Kunsillier Matthew Paris, Il-Kunsillier James Aaron Ellul, u l-Kunsillier Albert Demarco, flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv S Flores.**

**L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ Michaela Farrugia ma kienitx preżenti.**

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba żgħira mis-Sindku Davina Sammut Hili u l-membri preżenti.

1. **Ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku Sur Vince Borg**

1.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg ippreżenta il-ġurament meħud minnu quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-minuti tal-għaxar (10) laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

2.2. Il-Viċi-Sindku Vince Borg ressaq rimarka fuq il-materja 4.5 u informa li r-raġuni għala il-Kunsillier Albert Demarco kien astjena mill-vot kienet minħabba li l-Kunsillier Demarco kien għadu ma jiffurmax parti mill-Kunsill sa laqgħa numru 9..

2.3. Il- Viċi-Sindku Vince Borg ressaq korrezzjoni fuq materja 8.1.3 fejn għandha tindika li d-dekasteru tal-Qasam Soċjali mhuwiex responsabiltà konġunta. Il-Kunsill qabel.

2.4. Il-Kunsillier Matthew Paris ressaq korrezzjoni fejn talab li minuta numru 15.5.1 tissostitwixxi minuta numru 15.5 u fl-istess waqt, minuta numru 15.5 tissostitwixxi minuta numru 15.5.1. minħabba li tagħmel differenza ta' kif żvolġiet id-diskussjoni. Il-Kunsill qabel.

2.5. Il- Viċi-Sindku Vince Borg ressaq mozzjoni, u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris, favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'2.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 - (VB, MP, DSH, JAE, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

3. **Punti imqajjma mill-minuti**

3.1. Il- Viċi-Sindku Vince Borg għamel riferenza għall-materja numru 5.1.1 u informa li dawn il-bankijiet reġgħu inqalaw minn posthom għal-numru ta drabi.

3.2. Il- Viċi-Sindku Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 9.1.4, u saqsa jekk kienx hemm risposta mis-Sindku ta' Lisbona.

3.2.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Kunsill ta' Lisbona irrisponda li mhumiex interessati f'tali ġemellaġġ minħabba l-fatt li huma jagħmlu biss ġemellaġġi ma' bliet kbar.

3.3. Il- Viċi-Sindku Vince Borg għamel referenza għall-materja numru 11.5 u staqsa jekk kienx żviluppi fuq il-kont ta' Twilight Ltd.

3.3.1. Il-Kunsillier Matthew Paris, informa li hu kien tkellem mad-direttur tal-kumpanija u kienet saret reviżjoni tal-kont, fejn traħħas b'€100.

4. **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mill-GreenMT fejn, wara laqgħa li nżammet li għaliha kien hemm preżenti rappreżentanti tal-GreenMT, is-Sindku u il-Aġent Segretarju Eżekuttiv, GreenMT aċċettaw li il-borża is-sewda tibqa tinġabar nhar ta Tlieta kif qed isir preżentement, bil-kundizzjoni li terġa issir diskussjoni dwar din il-materja, f'Mejju 2016.

4.1.1. Il-Kunsill għaldaqstant qabel li jaċċetta l-proposta ta' GreenMT.

4.1.2. Il-Kunsillier MP irrimarka li qabel l-iffirmar tal-kuntratt propju, jiġi verifikat it-test li ser ikun inkluż sabiex dan il-fatt jiġi miftiehem sewwa, sabiex wara ma jkunx hemm problemi.

4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena, fejn offrew il-Kunsill li jirriklama l-awguri tiegħu fil-ktejjeb tal-Festa. Il-Kunsill approva bl-ispiża tkun bħal dik tas-sena l-oħra.

4.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena, fejn intalab jekk il-Kunsill hux ser jutilizza is-servizzi tal-Banda f'Jum il-Lokalita. Il-Kunsill qabel li jutilizza dan is-servizz bl-ispiża tkun bħal dik tas-sena l-oħra.

4.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena, fejn irrakkomandaw sabiex Triq San Tumas iż-żgħira tissemma għal Monsinjur Salvino Fenech, u Trejqet l-Imħażen jew Trejqet il-Fosos tissemma għal Twanny Piscopo.

4.4.1. Il- Viċi-Sindku Vince Borg ma qabilx ma tismija ta xi triq għall-Mons Fenech.

4.4.2. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li huwa xettiku fuq l-għażliet tat-toroq imsemmija.

4.4.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrakkomanda li jiġu involuti l-għaqdiet tal-lokal, iżda is-Sindku qalet li jekk isir hekk, il-proċess, jieħu ħafna iktar fit-tul, u din għanda tkun l-għażla tal-Kunsill.

4.4.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ikun iktar għaqli kieku il-Kunsill jikkunsidra tismija ta' toroq li preżentement huma doppji, bħal Triq l-Argotti, u Triq l-Argotti magħrufa bħala iż-żgħira. Il- Viċi-Sindku Vince Borg semma il-każijiet ukoll ta' fejn hemm Triq u Trejqet bl-istess isem.

4.4.5. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju ta' tismija ta' triq għass-Sur Twanny Piscopo, iżda mhux ta' Mons S Fenech. Il-Kunsill qabel li jiġi avviċinat il-President tas-Socjeta Filarmonika Vilhena biex issir diskussjoni u issir iktar riċerka profonda, sabiex tiġi identifikati il-konjizzjoni bejn l-individwu u xi triq adegwata.

4.4.6. Il-Kunsilliera Matthew Paris u James Aaron Ellul talbu li gradwalment il-Kunsill jibdel l-arma antika li teżisti fuq numru ta' tabelli ta' ismijiet ta' toroq. Il-Kunsill qabel li issir forma ta' sticker fuq dawk antiki.

4.5. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba mingħand Outdoor Living Malta sabiex ikunu jistaw parti miċ-Ċentru Rikreattiv Re Gorg V fis-7 ta Ġunju 2016.

4.5.1. Il-Kunsillier Albert Demarco irrimarka li dakinhar stess huwa kien attenda laqgħa imsejħa mill-V18 fir-rigward tal-attivitajiet li ser jiġu organizzati f'Peagant of the Seas, li propju ser tinżamm fis-7 ta Ġunju 2016. Huwa informa lill-Kunsill li matul din l-attività, ser ikun hemm numru ta attivitajiet ġewwa l-port, u għalhekk l-organizzaturi talbu l-koperazzjoni tal-Kunsilli ta' madwar il-port sabiex dak inhar, jekk jista' jkun ma jsirux attivitajiet, u dan sabiex ma tinħoloqx kompetizzjoni fl-attivitajiet, kif ukoll sabiex ma jkunx hemm problema ta traffiku u parkeġġ.

4.5.2. Għaldaqstant il-Kunsill ma laqax it-talba ta' Outdoor Living għall-użu taċ-Ċentru Rikreattiv Re Gorg V f'dik il-ġurnata, iżda lest li jikkunsidra l-istess użu f'ġurnata oħra.

4.6. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li ir-Regjun ġie assenjat b'numru ta' ħaddiema mill-IPSL sabiex iwettqu proġetti ta' manutenzjoni żgħar fil-lokalitajiet tar-reġjun. Għaldaqstant, il-Kunsilliera ġew mitluba jgħaddu lista ta' xogħlijiet li jistaw isiru minn dan il-grupp ta' ħaddiema sa nhar il-Ġimgħa, liema lista imbagħad ser tiġi evalwata u tintbagħat lir-reġjun.

4.7. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lil-Kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma Rappreżentant tal-Kunsill ta' Gela, fejn ġiet diskussa il-possibilità ta ftehim ta koperazzjoni, sabiex b'hekk ikun jista' jsiru numru ta skambji bejn iż-żewġ lokalitajiet. Hija infurmat li din il-lokalita għandha popolazzjoni ta madwar 6,000 eluf ruħ, u bħall-Floriana hija lokalita bl-età tar-residenti kemxejn għolja. Hija infurmat ukoll li similarment tal-Floriana, din il-lokalita tinsagħab mal-port. Is-Sindku żiedet tgħid li wara il-laqgħa li kien hemm, issa il-Kunsill tal-Floriana qed jistenna li jirċievi il-proposta minn Kunsill ta Gera.

4.7.1. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li huwa jaqbel mal-ġemellaġġi, iżda basta li jħallu il-frott, u mhux sempliċiment ġemellaġġ ta fuq il-karti. Il-Kunsill qabel.

4.8. Is-Sindku Davina Sammut Hili li kellha talba mill-Pulizija għal-sorveljanza bil-kameras fiz-zona tal-Kunvent tal-Kapuċċini. Is-Sindku ikkonfermat li l-Kunvent tal-Kapuċċini lesti li jipprovdu konnezjoni tal-internet.

4.8.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg qal li huwa tal-opinjoni li titneħħa il-ħamrija li hemm f'din iż-żona u minflok isir konkrit minħabba li din qed isservi ta post fejn jintremew is-siringi, madankollu is-Sindku infurmat li dan tmiss eżatt mas-swar u allura ifisser ħafna problemi ta Patrimonju Lokali biex dan jitneħħa.

4.8.2. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li waqt diskussjoni ma Sindku f'lokalita oħra, kienu tkellmu kif l-indafa tiżdied mhux b'iktar tindif, iżda b'iktar sigurtà.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li tinġieb stima tal-ispiża involuta sabiex f'din iz-zona issir sistema ta kameras tas-sigurtà.

4.9. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-membri tal-Kunsill li l-Kunvent tal-Kapuċċini kienu qed jaħżnu fil propjetà tagħhom materjal tal-porfido tal-Kunsill minħabba li l-Kunsill m'għandux spazju adegwat. Is-Sindku pproponiet li l-Kunvent jitħallas is-somma ta €200 ta dan l-użu ta spazju. Il-Kunsill qabel.

4.10. Il-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba mingħand Castille Resources fejn talbu permess tal-Kunsill sabiex ikunu jistaw jibnu rampa fissa fuq il-bankina, li tiffaċilita l-

aċċess għall-uffiċini tagħhom. Wara li iddiskuta il-pjanti sottomessi, il-kunsill oġġezzjona għat-talba ta' Castille Resources, minħabba li dan ser ikun qed jostakola il-kumplament tal-bankina u jnaqqas l-aċċess tal-pubbliku ġenerali. Il-Kunsill irrimarka li Castille Resources għandhom jaħsbu f'alternattiva oħra, li ma tostakolax il-bankina.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier Matthew Paris għamel referenza għall-ash-trays li l-Kunsill waħħal riċentement madwar il-lokalita, u staqsa lis-Sindku dwar il-possibilità' li jitwaħħlu stickers bl-arma tal-Kunsill, magħhom.

5.1.1. Is-Sindku irrimarkat li dawn tant intogħġbu li kien hemm iktar negozji li talbu minnhom. U għaldaqstant hija ssuġġerixxiet li jitwaħħlu iktar minnhom.

5.1.2. Il-Kunsill qabel li dan għandhom jiżdiedu gradwalment, kif ukoll li dawn għandhom ikollhom sticker bl-arma tal-Kunsill fuqhom.

5.2. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-sindku jekk kienx hemm reazzjoni mill-Sovrantendenza tal-Patrimonju Lokali wara l-istqarrija stampa li ħareġ il-Kunsill.

5.2.1. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv.

5.2.2. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li huwa jinsagħab diżappuntat b'dan l-għaġir fejn il-Kunsill mhux qed jiġi trattat tajjeb. Il-Kunsill talab diversi drabi għal-laqgħa, u baqa' bla risposta u sussegwentement ħareġ stqarrija stampa, u xorta ma kienx hemm reazzjoni.

5.2.3. Il-Kunsillier Matthew Paris żied jgħid li issa l-Ministru, skont kif irraportat f'xi gazzetti lokali, qal li dan il-proġett sebbaħ iz-zona, meta fir-realtà, dan il-proġett mar kontra l-ispirtu taż-żona. Huwa qal li waqt laqgħa li kienet inżammet, il-Kunsill kien infurmat li l-cladding li kellu jsir kien se jkun ta kulur is-swar biex inaqqas l-impatt, iżda dan minflok sar griż, biex iktar jistona.

5.2.4. Għaldaqstant il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ stqarrija oħra, għax wara kollox, il-Kunsill qed jispiċċa jiġi ikkritikat intortament, u dan għaliex il-Kunsill fl-ebda stadju ma kien ikkonsultat jew infurmat.

5.2.5. Is-Sindku qalet li hi, sa ċertu punt, taqbel mal-Kunsillier Matthew Paris, u żiedet tgħid li l-Armata għamlet proġett fil-lokalita' tal-Floriana, u lanqas biss kellhom id-diċenza li jistiednu il-Kunsill għall-ftuħ uffiċjali.

5.2.6. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ stqarrija stampa dwar dawn il-punti.

5.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill irċeviex xi aġġornament dwar ix-xogħol ta restawr fuq is-swar tal-Lokalita, mingħand il-Ministru Bonnici.

5.3.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill m'għandux id-dettalji preċiżi, iżda hija ġiet konoxxenti li l-ewwel xogħolijiet ser ikunu fuq in-naħa tal-Ospizio u fuq iż-żona ta Lascaris Wharf. . Hija irrimarkat li l-Ministru Owen Bonnici kien qal li ser jagħti prijorità lill-Floriana.

5.4. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm żviluppi fuq il-proċess ta'

ħasil tal-Bankini.

5.4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili wieġbet fin-negattiv, minħabba it-temp li jagħmel f'dan iż-żmien.

5.4.2. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li minħabba din ir-raġuni, ix-xogħol għandu isir fix-xitwa. Il-Kunsill qabel dwar dan kif ukoll qabel li għanda tingħata attenzjoni Triq il-Kapuċċini u Triq San Franġisk. Il-Kunsill qabel.

## 6. Delegi u Responsabiltajiet

6.1. Ma kienx hemm punti x'jiġu diskussi.

## 7. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sotto-kumitati

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Kunsill James Aaron Ellul sabiex jipproponi il-Membri tas-Sottokumitati taħt ir-responsabiltà tiegħu.

7.1.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ippropona lis-Sur Mark Victor Camilleri, u lis-Sur Charles Farrugia bħala membri mis-Sotto-Kumitat tal-Isport. Il-Kunsill approva il-membri proposti.

7.1.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ippropona lis-Sinjorina Sarah Debattista, lis-Sur Gianluca Azzopardi, lis-Sur Jean Zarb, lis-Sur Jordie Delia, u lis-Sur Dixon Vella bħala membri tas-Sottokumitat taż-żgħażagħ. Il-Kunsill approva il-membri proposti.

## 8. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill

8.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg tkellem dwar laqgħa li kellu ma rappreżentanti tal-Proġett LEAP. Huwa kien infurmat li bejn il-Floriana u l-Valletta hemm madwar 300 persuna irreġistrata bħala diżabbli. Waqt laqgħa li inżammet bejn dawn il-partijiet, il-persuni kienu ressqu diversi ilmenti fosthom ta xogħol u ta nuqqas ta aċċessibilta. Il-Viċi Sindku Vince qal li huma issuġġerixxa lir-rappreżentanti tal-Proġett sabiex il-laqgħat mal-Furjaniżi relevanti isiru maqsuma fi Tnejn bħall eżempju Minn Triq Sant Anna lejn il-Port u minn Triq Sant Anna lejn Balzunetta. Huwa informa ukoll li jistaw isiru anke ma persuni anzjani, minħabba li dawn ukoll għandhom problemi t'aċċessibilta, partikularment dawk li m'għadhomx lift f'darhom u joqgħodu fis-sulari ta fuq.

8.2. Il-Kunsillier Albert Demarco Informa b'eżitu tal-laqgħa li kellu rigward l-attività Peagant of the Seas u ta iktar dettalji apparti dawk f'minuta 4.5.1. Huwa qal li din l-attività ser tinkorpora numru ta attivitajiet żgħar li ser isiru fil-port il-kbir, bejn il-Floriana / Valletta u Senglea.

8.2.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li l-iktar ħaġa importanti hija li l-attività tiġi reklamata li ser issir fil-Floriana la darba isir hekk, u mhux reklamata li ser issir f'xi lokalita' oħra.

8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill, il-Performance Appraisal Reports tal-impjegati klerikali u manwali. Huwa informa li l-impjegati kollha kienu taw il-massimu tagħhom u għaldaqstant irrakkomanda li jingħata il-massimu tal-

performance bonus. Jiġifieri 6%. Il-Kunsill qabel nem con.

8.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill, il-Performance Appraisal Report tiegħu.

8.4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li S-Segretarju Eżekuttiv kien eċċeda dak mistenni minnu, u għaldaqstant rrakkomandat li jingħata il-massimu, jiġifieri 10%. Il-Kunsill qabel nem con.

## 9. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

9.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 09/07, li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

9.1.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul astjena mill-pagament ta' Jean Claude Vella u Firm Lorenzo Ellul.

9.1.2. Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti ta Jobbers Ironmongery.

9.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

9.3. Għaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet ġiet approvata u ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku, minn żewġ kunsillieri u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

9.4. Is-Segretarju Eżekuttiv, fakkar lil-Kunsill fuq l-arbitraġġ tal-Kunsill versus Justin Attard, fejn għalkemm il-Kunsill ħallas l-ammonti dovuti, is-Sur Attard ma ħallasx sehmu, u allura s-sentenza ma ngħatatx.

9.4.1. Il-Kunsill qabel li għandu ikellem l-avukat li kien qed jieħu ħsieb din il-materja u jipproċedi bil-mandati neċessarji.

**NB. 6.36pm Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skużat temporanjament**

9.5. Il-Viċi-Sindku Vince Borg ressaq lill-Kunsill offerta sabiex issir ġita ġewwa Għawdex għall-anzjani, liema kwotazzjoni kienet ta €52 għal kull persuna u li kienet jinkludi it-trasport, żjarat f'postijiet turistiċi, kif ukoll ikel u xorb.

9.5.1. Il-Kunsill innotata li din l-istima hija pjuttost għolja għall-anzjani, u li l-Kunsill organizza ħarġiet simili, iżda bi prezz inqas.

**NB. 6.36pm Il-Kunsillier Matthew Paris reġa' attenda għal-laqgħa.**

9.5.2. Il-Kunsill qabel li m'għandux jilqa' din l-offerta minħabba li l-prezz kwotat kien wieħed għoli.

## 10. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

10.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

## 11. Aġġudikazzjoni ta Offerti

11.1. Is-Sindku infurmat li infetħet l-offerta għal Xiri ta Van żgħir, fejn kien hemm sottomessa offerta waħda, liema offerta kienu teċċedi l-istimi tal-Kunsill. Għaldaqstant hija pproponiet li l-offerta tiġi rifjutata. Il-Kunsill qabel.

## 12. Estimi Annwali

12.1. Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti spjegazzjoni tal-Estimi finanzjarji.

12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-istimi tad-dħul u tal-infiq rikorrenti, filwaqt li ppreżenta abbozz ta l-infiq kapitali, għad-diskussjoni tal-Kunsill.

12.3. Is-Sindku pproponiet li l-uffiċju propost tas-Sindku ma jsirx, sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu iktar fondi ghall-infrastruttura. Il-Kunsill qabel ukoll li l-proġett tal-arblu fi triq Sant'Anna jiġi temporanjament sospiż ghall-istess raġuni.

12.4. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li l-kunsill jagħti każ tal-estetika ġenerali tal-lokalita u jinvesti f'dan il-qasam, bħal eżempju *trimming* iktar pulit tal-asfaltar f'ċertu toroq u jigu introdotti iktar culverts fi Triq il-Miratur.

12.5. Il-Kunsill qabel li għandu jipproġetta *major patching* / asfaltar ta Triq V. Dimech, u ta Triq San Franġisk.

12.6. Il-Kunsill approva l-abbozz tal-Estimi finanzjarji bil-korrezzjonijiet imressqa, u suġġett għal reviżjoni wara l-laqgħa tal-Lokalita.

## 13. Skema ta' Ġbir ta Skart Riċiklabbli

13.1. Din il-materja ġiet diskussa waqt il-Komunikazzjonijiet, u fejn il-Kunsill qabel li jilqa' l-proposta emendata tal-GreenMT

## 14. Jum il-Floriana

14.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li ż-żmien qed joqrob, u għaldaqstant il-Kunsill għandu jibda bil-preparamenti, fosthom l-applikazzjonijiet għad-diversi rikonoxximenti kif ukoll għall-personaġġi.

14.2. Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li jinbidlu xi ftit l-applikazzjonijiet, sabiex nagħtu xejra differenti lil din l-attività. Huwa issuġġerixxa li tinbidel ukoll l-istil tal-attività'. U anke jiżdied ir-rikonoxximenti, bħal eżempju rikonoxximent fil-qasam sportiv. Huwa issuġġerixxa ukoll li jitwaqqaf bord sabiex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel mal-proposti.

14.3. Il-Kunsill qabel li mis-sena id-dieħla jiġi ikkunsidrat li ir-riċeviment tal-21 ta' Jannar u Jum il-Floriana jingħaqdu flimkien biex b'hekk tittella' attività waħda ta livell għola.

## 15. Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

15.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-andament fuq din l-attività miexi kif pjanat.

15.2. Is-Sindku żiedet għid li qed tikkordina ma disinjatur logo ġdid għall-attività, f'għeluq l-10 anniversarju.

15.3. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li ta kull sena, spiża sostanzjali tkun fil-barrikati li jinkrew kif mitlub mill-pulizija, u għaldaqstant huwa jissuġġerixxi li għandhom jinfetħu id-diskussjonijiet, mal-pulizija dwar dan, kif ukoll jiġu evalwati soluzzjonijiet oħra b'inqas spejjez.

## 16. St Patrick's SUNDay

16.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li x-xogħol fuq din l-attività, miexi b'ritmu mgħaġġel hekk kif qed noqorbu lejha. F'ġranet li ġejjin ser jiġi konkluż ukoll il-ftehim mal-artisti prinċipali ta din is-sena, u sussegwentement tiġi mħabbra.

16.2. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li komplessivament din l-attività ser tiġi tiswa mas-€7,000, fejn €3,000 minnhom huma sehem il-Kunsill.

## 17. Skema ta Parkeġġ Residenzjali

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret lil Kunsill dwar l-importanza li jibda jiffunzjona il-*working group* propost sabiex isir ix-xogħol relevanti.

17.2. Il-Kunsill qabel li dan l-membri tal-Kunsill għandhom jiffissaw data sabiex issir l-ewwel sessjoni.

17.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili uriet ix-xewqa li dan il-bord iressaq proposti ta kif il-permessi isiru iktar *tamper proof.*

## 18. Traffiku u parkeġġ

18.1. Il-Viċi Sindku Vince Borg tkellem rigward il-parkeġġi fid-daħla tal-isptar Boffa, li u qal li din il-materja tressqet matul il-laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi, minħabba li dawn m'għadhomx jintużaw minn pazjenti li jingħataw il-kemoterapija, ladarba dan is-servizz m'għadux jiġi mgħoti f'dan l-isptar

18.2. Il-Kunsill qabel li jerġa jikteb lis-Sinjura Audrey Testaferrata Denoto fuq din il-materja. Il-Kunsill qabel ukoll li jerġa jfakkar lill-istess rigward possibbiltà li s-servizz ta trasport shuttle tal-park and ride ikollu waqfa fil-Floriana.

## 19. Ġonna u Soft areas

19.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li l-Fanali ta Pjazza Robert Sammut għadhomx

bil-problema li ġieli jaħdmu u ġieli le.

19.1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li sar ir-rapport relevanti lil VFRP.

19.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg tkellem rigward Ġnien il-Mall, fejn irrimarka li wara l-Onorevoli Mizzi informa lill-Kunsill li huwa kien ta' l-approvazzjoni lill-ELC sabiex jibda ix-xogħol ta għeluq tal-ġnien kif kien maqbul.

19.2.1. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tikteb lil Dr Cuschieri dwar din il-materja..

**20. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>**

20.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-3 ta' Frar 2016 fil-5pm.

**Il-laqgħa intemmet fis-7.35 p.m.**

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Vincent Borg
V/Sindku